*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

### AĠENDA NUMRU 22 – 7 ta' Ottubru 2020

***Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-7 ta' Ottubru, 2020 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fil-Kunsill Lokali fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 22 Il-laqgħa bdiet fl-6:20pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ma kien hemm l-ebda kunsillier li ma kienx preżenti.

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li l-minuti jiġu approvati kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-minuti ġew approvati unanimament.

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea semma li bejn Triq Santa Marija u Triq Mikielanġ Sapiano hemm bicca triq żgħira eżattament wara l-istatwa ta' Santa Marija bla isem u li għandha tissemma Wesgħet Leli Cortis minħabba li kien impreditur Żebbuġi. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Kien hemm qbil unanimu.

- Fuq proposta tal-Kunsillier David Battistino sekondata mis-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ġie deċiż li waħda mit-toroq il-ġodda li nħolqu wara id-Dorotej tissemma' Triq Michael Bonnici. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.
- Dwar l-imwejjed u siġġijiet fil-pjazza, saret diskussjoni. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi rtira mid-diskussjoni minħabba possibbilment kunflitt ta' nteress. Waqt id-diskussjoni f'laqgħa preċedenti kien ġie deċiż li permess għall-imwejjed u s-siġġijiet mhux ser jitħallew jintremaw barra wara it-30 ta' Settembru 2020 jekk mhux koperti mill-permessi tal-MTA u PA. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li min ser jibqa jarma barra irid iħallas bit-Eur2.33/metru. Il-Kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Philip E. Zammit ser jirraporta lid-Dipartiment tal-Artijiet b'dan l-aġir. Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Kevin Glynn Kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ma pparterteċipax fil-vot. Ġie deċiż ukoll li l-iSpettur tal-Għassa jkun infurmat b'dan kollu.
- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob informazzjoni lid-Dipartiment tal-Awtoritajiet dwar xi zoni żgħar fil-pjazza u Triq il-Kbira sabiex insiru nafu jekk il-Gvern hux il-proprjetarju.
- Għall-Pink October is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ser jinxtegħel Bieb de Rohan bir-roża. Persuna li toqgħod fil-viċinanzi ser tislifna l-elettriku minħabba li ma hemmx meter tad-dawl.
- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li qed jaħdem fuq il-prinċipju li jitweħħlu cameras fi Triq Mikielanġ Sapiano, fejn Bie de Rohan, fi Triq Luret Cutajar u anke f' Misrah San Filep. Kien hemm qbil unanimu li dawn il-cameras jkunu nstallati. Il-Kunsillier Steve

Zammit Lupi li biex jonqos il-parkeġġ illegali fi Triq Luret Cutajar fil-kantunieri isiru kerbs sabiex ikun impossibli għall-karozzi li jipparkjaw.

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li waslitlu stedina sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-pubblikazzjoni ta' kalendarju li jsir ikun fih ritratti antiki ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jħallas Eur250 bħala riklam għal fuq dan il-kalendarju.

## 22.4 Triq San Martin

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li d-direzzjoni tat-traffiku għal Triq San Martin issir direzzjoni minn Misraħ Muxi għal Mikielanġ Sapiano. Ġie deċiż li jsiru sleeping police u anke jkunu installati mirja. Dan kollu kien proponut mis-Sindku Dr. Malcolm P. Galea u sekondat mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi. Kien hemm qbil unanimu għal dan kollu. Kien hemm qbil ukoll li 'Single Yellow Line' li diga hemm permess għalih fl-istess triq, jinżeba'.

## 22.5 Librara

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-librara li bħalissa qiegħda sservi l-libreriia ta' Ħaż-Żebbuġ ser tieqaf u għaldaqstant ser tinħareġ sejħa pubblika.

## 22.6 Jum Ħaż-Żebbuġ 2020

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Għal Jum Ħaż-Żebbuġ 2020, ser issir quddiesa fl-10am fil-Knisja Arċipretali. Ser ikunu mistieda l-President u s-Segretarju ta' kull każin, kif ukoll l-iScouts.

Fit-7:55pm il-Kunsillier George Cortis talab permess biex joħroġ mill-laqgħa.

## 22.7 Skema *Sponsor A Tree*

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi spjega li qed jaħdem fuq skema bl-isem Sponsor a Tree, li ser tinfetaħ għall-pubbliku nteressat. Kull min jixtieq jista jħallas Eur30 għall-siġra partikolari kif imfassla fil-pjan imħejji li jinkludi pjanta ta fejn ser jitħawllu s-siġar kollha. Ser ikun hemm l-għażla li ssir tabella bl-isem ta' min qed jħallas għal din is-siġra għal prezz ta Eur10 oħra.

Fit-8:10pm il-Kunsillier Clive Azzopardi talab permess biex joħroġ mil-laqgħa.

## 22.8 Tisbiħ taz-Zona tal-Flats tal-Grazzja

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li qed jistenna stima mingħand kuntrattur sabiex jitranġa fejn il-Flats tal-Grazzja. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li għandu nformazzjoni li l-Works Department ser jidħol għal dan ix-xogħol.

## 22.9 Dawl tal-Milied

Il-Kunsillier Philip E. Zammit ippreżenta 3 stimi għat-tiżjin tal-Milied:

C & C Streetlight – Eur5,782

Caruana Light Decor – Eur7,670

Audiosystems – Eur8,850

Kien hemm qbil unanimu li jintagħżel C & C Streetlight.

22.10 Vot tal-Flus

Wara diskussjoni, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-vot ikun approvat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Patrick Bonnici. Kien hemm qbil unanimu.

22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Sar aġġornament għall- Erbgħa 4 ta' Novembru 2020.

**Dr. Malcolm P. Galea** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*